TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 21/22/F

**Keith Farrugia**

**vs**

**Domal**

Illum, 11 ta' Marzu 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar l-14 ta' Frar 2022;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata fil-25 ta' Marzu 2022;

Sema' x-xhieda tal-Partijiet bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentat;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tal-Avviż tat-Talba ppreżentat minnu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż is-somma globali ta' elf, mitejn u disgħin Euro (€1,290) rappreżentanti l-prezz li huwa ħallas għal vanity unit ġdida mixtrija mingħand l-azjenda intimata kif ukoll il-prezz ta' sink taċ-ċeramika li huwa jgħid ixxaqqaq riżultat ta' xpakkar fl-imjam tal-*vanity unit*. Dan stabbilit, fl-istess Avviż tat-Talba, it-Rikorrent jispega dan: "*Li jien ħdimt vanity unit għand Domal u wara sena u xahrejn imbarmet il-faċċata tal-vanity u qasamli sink minn nofs. Issa jien qed nitlob li jirranġali l-vanity u sink ieħor [...]*".

Illi permezz tar-Risposta tagħha, l-azjenda intimata eċċepiet is-segwenti: "*Meta weħel is-sink weħel mhux minni, ma nafx kif weħel u jekk weħilx kif suppost li jekk l-injam solid jagħmel xi moviment fil-bathroom ikolli fejn jiċċaqlaq, bħal ma jeħel*

*panew u fl-aħħar u mhux l-anqas, aħna ma nafu jekk is-sink kienx ġa maqsum qabel weħel, jew jekk inkisirx b'xi ħaġa oħra".*

Illi fix-xhieda tiegħu, ir-Rikorrent iċċara li s-*sink* in kwistjoni kien inxtara mingħand Magri Bathrooms u aktar importanti minn hekk, li dak li qed jitlob, jirrappreżenta l-valur ta' żewġ sinkijiet "*his and hers*" u mhux ta' dak li nqasam biss.

Illi mill-banda l-oħra, fix-xhieda tiegħu, Marlon Debattista f'isem l-azjenda intimata jispjega li l-inkarigu mogħti lill-azjenda intimata kien biss li tissuplixxi l-bażi tal-*vanity unit* tal-injam tal-ġewż solidu. Jgħid li l-azjenda intimata ma kienitx involuti fl-installazzjoni tas-*sink* u li fil-fehma professjonali tiegħu, dan kellu jitwaħħal b'mod li jkollu kemmxejn laxk f'każ li l-għamra tespandi jew tikkontratta li hija normali speċjalment f'kamra tal-banju minħabba umdità u fwar. Saħaq li meta l-injam ikun ta' razza hardwood bħal ma huwa l-ġewż, hemm tendenza li dan juri moviment aktar b'saħħtu.

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*. In prinċipju għalhekk, dak li qed jitlob ir-Rikorrent jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala Konsumatur.

Illi tajjeb jiġi rimarkat illi għalkemm il-kwistjoni relevanti f'dan il-każ hija waħda ta' natura teknika, l-ebda mill-Partijiet ma talbet il-ħatra ta' espert tekniku. Madankollu, mir-ritratti eżebiti mir-Rikorrent huwa oltre milli manifest illi l-injam tal-*vanity unit* in kwistjoni għamel moviment kbir li huwa atkar aċċentwat fuq in-naħa fejn fil-fatt inqasam is-*sink*.

Illi mill-banda l-oħra huwa minnu ukoll dak li teċċepixxi l-azjenda intimata meta tgħid illi l-installazzjoni tas-sink saritx minnha u ukoll li kellu jinżamm spażju bejn is-sink u l-għamra sabiex ikun post fejn l-injam, li huwa solid u naturali, ikollu fejn jespandi. It-Tribunal ikollu jgħid li fix-xhieda tiegħu, ir-Rikorrent ftit li xejn jagti informazzjoni dwar kif u minn min is-sinkijiet ġew installati. Dan allura għandu jimmilita, sa ċertu punt, kontra t-teżi tiegħu li l-ħtija esklussiva hija tal-azjenda intimata. Stabbilit dan, mhuwiex raġjonevolment mistenni mill-Konsumatur li għamara ġdida u ta' kwalità tajba, minkejja li ta' injam solidu, tagħmel moviment tant notevoli li bil-pressjoni li tagħmel, taqsam sink taċ-ċeramika. Intant, il-fatt li r-Rikorrent ordna *vanity unit* jagħmilha ovvja għall-azjenda intimata li din kienet ser tintuża f'ambjenti li forsi jkun fihom aktar fwar u umdità fl-arja. Għalhekk, dan l-argument tal-azjenda intimata ftit li xejn ireġi.

Illi fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal iqis li r-relazzjoni bejn il-Partijiet iddeterjorat u mhuwiex idoneju li jsiru interventi mill-azjenda intimata. Għalhekk ir-rimedju għandu jkun wieħed pekunjarju.

Illi skont ma jiddisponi li-Artikolu 21(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, "it-Tribunal jaqta' l-kwistjonijiet f'talba jew kontro-talb apreżentati quddiemu skont kull meritu u ġustizzja sostantiva tal-każ, u skont l-ekwità". Ukoll, fi kliem il-Qrati tagħna "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*" (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċiża 13.10.2004);

Illi wara li qies sewwa ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal jikkonkludi li t-Talba tar-Rikorrent timmerita akkoljiment parzjali u għal fini ta' likwidazzjoni, qed jiffissa *arbitrio boni viri* s-somma dovuta lir-Rikorrent mill-azjenda intimata fl-ammont ta' **erba mitt Euro (€400)**.

**Deċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha *in parte* u jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex itallas lir-Rikorrent is-somma ta' erba mitt Euro (€400).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu ⅔ mill-azjenda intimata u ⅓ mir-Rikorrent.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***